**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 6 ta' Lulju 2023**

Rikors Numru: 141/23 AL

A B C

vs

D C

(M.R. Numru 1579/2005)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-esponenti żżewweg lill-intimata nhar l-għaxra (10) ta' Settembru, Elfejn u Hamsa (2005) (kif jixhed iċ-ċertifikat taż-żwieġ tagħhom anness u mmarkat bhala DOK A).

2. Illi l-esponenti issepara legalment minn mal-intimata permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dottor William Azzopardi, datat it-tnax (12) ta' Mejju, Elfejn u Sitta (2006) (vide kopja annessa u immarkata - DOK B).

3. Illi l-kontendenti b'hekk ilhom separati ferm oltre it-terminu ta' sitt (6) xhur, rikjest mil-ligi.

4. Illi l-kontendenti ma kellhomx tfal miż-żwieġ tagħhom.

5. Illi l-partijiet m'għandhom ebda pendenza ta' manteniment bejniethom stante skont il-kuntratt tas-separazzjoni huma irrinunzjaw reciprokament mid-dritt li jirċievu manteniment minghand xulxin.

6. Illi ma hemmx lok li l-partijiet jerġgħu jirrikonciljaw u llum għandhom hajja totalment separata minn xulxin.

7. Illi l-esponenti jixtieq jottjeni d-divorzju jew hall taż-żwieġ, u dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju jew il-hall taż-żwieġ ta' bejn l-esponenti u l-intimata; u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imholli għal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jigi registrat fir- Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Marzu, 2023;

Rat illi l-intimata, debitament notifkata ma ppreżentatx risposta u ma dehritx għal dawn il-proċeduri ;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi ilhom legalment separati mit-12 ta' Mejju, 2006;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;